MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 46/2000/1

**Kummissarju ta’ l-Art**

**vs**

**Horace Azzopardi**
**Carmela Azzopardi**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrent Kummissarju ta’ l-Art li jghid:

Illi l-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 4 ta’ Frar, 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f’Birzebbugia tal-kejl ta’ circa 663 metri kwadri li tmiss minn Nofs in-Nhar ma’ proprjeta’ tal-Patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta u mit-Tramuntana u mill-Punent ma’ triq pubblika, huwa ta’ hames mitt Liri Maltin (Lm500.00) kif jidher mir-rapport tal-Perit Godwin

Drago A&C.E. tas-16 ta' Dicembru, 1999 li kopja tieghu Dok A. hija annessa ma' l-stess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu, 2000 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma' jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' elfejn Lira Maltija (Lm2,000.00)

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera il-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88)

Ra wkoll ir-risposta ta' l-intimati Azzopardi li tghid:

Illi l-kumpens li hu pagabbli skond il-ligi ghall-art in meritu jissupera dak propost mir-rikorrent, kif diga' gie rilevat mill-esponenti fl-ittra ufficjali taghhom bi twegiba ghall-Avviz ta' Ftehim relattiv.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-Bord ezamina ix-xhieda f'dan il-process konsistenti fid-deposizzjoni tal-perit arkitett tal-intimati kif ukoll dik tal-perit arkitett tar-rikorrenti;

Illi l-Bord kien assistit fuq din il-materja mill-perit arkitett Joseph Mizzi u l-perit arkitett Frederick H. Valentino li fuq relazzjoni tal-istess, esebita u formanti parti minn din is-sentenza, ikkonkludew bil-mod segwenti:

Maghmula dawn il-konstatazzjonijiet kif jirrizultalna waqt l-access flimkien mad-dokumenti esebiti w ix-xhieda moghtija, minn kalkoli li ghamilna, jidhrilna illi t-talba ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2000.00) mill-istess intimat hija gustifikata biex taghmel tajjeb ghad-diskrepanza marginali fil-kejl ta’ l-art esproprijanda flimkien mad-danni li qed isofri minhabba nuqqasijiet min-naha tad-Dipartiment tar-Roads ghat-tfiegh ta’ terrapin fl-art residwa u ilma tat-triq li qieghed jinxtehet fl-istess raba ta’ l-intimat.

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut tal-bicca art agrikola f’Birzebbugia tal-kejl ta’ circa 663 metri kwadri li tmiss minn Nofs in-Nhar ma’ proprjeta’ tal-Patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta u mit-Tramuntana u mill-Punent ma’ triq pubblika  u dan bil-valur ta’ Euro 4658.75 (erbat elef sitt mija tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu oltre l-imghax legali. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli  bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-3 ta’ Frar, 2010 fis-1.30pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Michael Camilleri LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jtkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet skond il-ligi u cioe’ f’proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u

dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------